# L-ISTEDINA

*Ta'* VIC APAP

Kienu ilhom żmien jistednuni żewġt iħbieb tiegħi biex immur inqatta' l-Ħadd magħhom fir-ramla tal-Mellieħa. Meta ma stajtx nagħmel ieħor, għidtilhom li mmur u huma ħatfuni fil-kelma.

"Nistennewk nhar il-Ħadd li ġej", qalli wieħed minnhom.

"Għall-ikel naħsbulek aħna", żied miegħu l-ieħor biex aktar iħajjarni u jorbotni li ma nonqosx minn kelmti.

Kull kelma li qalu ma kenitx tfisser ħaġ'oħra ħlief hena, mistrieħ, tgawdija, baħar sabiħ, arja safja, divertiment mill-aqwa li kellu jogħġobni żgur.

Jumejn wara nisma' t-telefon iċempel; kien wieħed minn ħbiebi. Malli smajt leħnu għidt f'qalbi: "Mhux li raġa' bdielhom u jħalluni b'sabri d-dar".

"Karm", smajtu jgħidli min-naħa l-oħra tal-fil. "Aħna għal nhar il-Ħadd kollox sew, eh? Inti ejja x'ħin trid, imma aħna mmorru kmieni biex insibu post tajjeb u nilħqu ntellgħu l-kamp qabel ma tkun xemx wisq".

"Kmieni, ngħid jien, x'ħin?" staqsejtu b'nofs ħajra.

U ħabibi, li minn daqshekk bogħod donnu xamm li l-qawmien kmieni nhar ta' Ħadd ma kienx għal qalbi wisq, daħak daħka — li tagħha dak il-ħin xtaqt nilwilu għonqu — u weġibni:

"M'għandekx għalfejn tbakkar . . . Ejja x'ħin jogħġbok. Aħna mas-sebgħa nkunu hemm".

"Kollox sew", kien kulma għidtlu u għalaqt minnufih it-taħdita qasira tagħna.

Kif sibt ruħi waħdi bdejt nhewden fuq il-ħin. Minnu li qaluli biex immur x'ħin irrid, imma ma qisthiex ħaġa sewwa li nħallihom jitħabtu weħidhom, u jien immur ninqeda bil-kamp tagħhom, niekol minn fuq daharhom u ma mmidd idejja f'xejn. Għalhekk biex nasal il-Mellieħa għas-sebgħa ta' fil-għodu kelli noħroġ mis-sodda fl-erbgħa u nofs. Fl-erbgħa u nofs? Daż-żgur, għax kollox irid ħinu: il-banju, il-leħja, il-quddiesa, il-kafè . . . u kollox bil-ġirja.

Inżilt l-Imsida mill-karrozza ta' Tas-Sliema u qsamt it-triq bil-ħeffa biex nilħaq tal-Mellieħa, iżda ma kienx hemm wisa' għalija. Stennejt ftit u rkibt bil-wieqfa ma' oħra tal-Marfa. Bqajt imdendel u mxattar sa ma nżilt l-Għadira, għarqan xraba u żlugat, mhux biss għax kelli nżomm tajjeb ma' biċċa ħolqa, imma wkoll għax riġlejja ma stajtx inżommhom ħdejn xulxin minħabba xkora ta' wieħed u bixkilla ta' oħra li kien hemm mal-mogħdija tal-karrozza. Xi żewġ

rifsiet dabbart ukoll mingħand il-kondutur hu u għaddej biex jiġbor in-nol.

Fl-aħħar wasalt l-Għadira u nżilt ħdejn il-lukanda. Billi ma kontx ftehimt fejn sewwa kelli nsib lil ħbiebi, qbadt miexi bil-qalb it-tajba biex forsi nilmaħ lil xi ħadd minnhom. Ma lħaqtx imxejt wisq li ma smajtx wara dahri t-tpaqpiq ta' żewġ karrozzi. Kienu ħbiebi mal-familji tagħhom.

"Uwa inti bakkart, Karm", kienet it-tislima ta' wieħed minnhom hekk kif ħareġ idu mit-tieqa tal-karrozza u taptapli daqqtejn fuq dahri biex jifraħ bija.

"La kelli niġi", għidtlu bil-ftit nifs li ħallieli fil-pulmuni, "deherli li aħjar inkun magħkom mill-ewwel".

Minnufih mill-karrozzi bdew neżlin nisa u tfal, kaxxi u sarar, injam u xoqqa, siġġijiet, pultruni, banketti u mejda li kollha kemm huma jingħalqu ċatti u ma jeħdux wisa' wisq. Qandilt kemm stajt minn dawn l-oġġetti u sirt għarqan xraba iżjed milli kont qabel fil-karrozza tal-linja.

"Issa nwaqqfu l-kamp", qal wieħed minn ħbiebi waqt li tani f'idejja erba' lasti li ma kontx naf x'kelli nagħmel bihom. F'kemm trodd salib sibt ruħi idi f'idi għax żewġt itfal, b'ħeffa tal-għaġeb, għaqqduhom flimkien bi traversi u waqqfu l-injam tal-kamp. Wara nkesa kollox bix-xoqqa u t-tinda dehret lesta. Imma kien għad jonqos il-ventijiet biex ma tinqalibx bir-riħ. U jien, li qatt ma narfa' xejn id-dar għax irrid kollox bil-lest madwari, kelli nqandel erba' ġebliet daqs ċangun li magħhom intrabtu l-ventijiet. Sakemm tlesta dan kollu ħassejtni noqtor bil-għaraq li beda ħiereġ minni qisu gelgul.

Wasal il-ħin tal-għawm: l-ewwel daħlu n-nisa fil-kamp u lilna ħallewna madwar siegħa fis-sirġa tax-xemx nistennewhom ibiddlu. Meta ħarġu huma ħsibt li kien imiss lilna l-irġiel, imma minnufih daħlu jiġru t-tfal li f'inqas minn minuta kienu lesti għall-baħar.

Il-baħar igħodd għalija biex nitbaħbaħ u noqgħod ngħum bil-kwiet mingħajr ħafna taħbit u kedd; imma lanqas ilħaqt meddejt riġlejja fl-ilma li ma ġewx jiġru madwari tlieta mis-subien ta' ħbiebi, ilkoll iriduni ntellagħhom fuq spallejja biex jaqbżu l-baħar minn fuqi. Sakemm għamlu hekk darba u darbtejn ma tkellimt xejn, imma meta dan il-gost tagħhom deher li mhux sa jkollu tmiem, tnaffart u tlaqt niġri 'l barra b'kemm kelli ħila. Ħsibt li kienu sa jħalluni b'sabri meta par idejn niżlu fuq rasi b'qilla kbira u sibt ruħi mgħaddas bla ħsieb sal-qiegħ. Kien wieħed minn ħbiebi li deherlu qiegħed nitgħaxxaq bil-logħob ħelu tiegħu. Kif tlajt fil-wiċċ u kont sa nara min kien dak il-gustuż li tani l-majnata, nintlaqat fuq ngħasi b'daqqa ta' ballun tal-baħar li ġagħalni nara l-kwiekeb bin-nhar. Tassew għand-

hom ċajt sabiħ ħbiebi; imma kelli nigdem ilsieni biex ma niġux fil-għawġ mill-ewwel, u, barra minn hekk, tbissimtilhom ukoll bħalli-kieku tgħaxxaqt bil-logħob tagħhom.

Skartajt baxx baxx u tlajt fuq ir-ramel fejn kien hemm in-nisa qegħdin ilestu ftit ħobż biż-żejt u t-tadam, imħawwar bil-kappar u l-inċova, u miksi kollox b'saff ħass imħallat bin-nagħniegħ. Kont ili fuq riġlejja mill-erbgħa u nofs ta' fil-għodu; dak l-ikel żiedli l-aptit u ma ħallinix immidd pass 'il bogħod minnhom. Waħda min-nisa ratni nħares lejhom imxennaq u bi tbissima ħelwa qaltli:

"Jogħġbok tieħu xi biċċa, sur Karm?"

"Għandu mnejn ma jaqbilx mal-gosti tiegħek", żiedet oħra waqt li tatni daqqa t'għajn minn taħt li biha riedet tfisser ħafna.

Jien kont ħafif weġibthom: "Iva, iva, jogħġobni ħafna dak l-ikel". U għad li kelli żaqqi qiegħda taqa' għal biċċa, issuktajt: "Imma aħjar nistenna lill-oħrajn biex nieklu flimkien".

"Inti ħu biċċa issa, imbagħad kompli meta jitilgħu l-oħrajn", insistiet ta' l-ewwel.

Jien, biex ma niksrilhiex qalbha, tawwalt idi u ħadt l-akbar biċċa li kien hemm fil-platt. Kemm xtaqthom jibqgħu jgħumu lill-oħrajn u lili jħalluni b'sabri ntiegħem ħelu ħelu dik il-biċċa ħobż li bdiet nieżla qisha manna. Imma xewqti ma seħħitx. Malli dawk l-egħfiered lemħuni qiegħed niekol, telgħu jiġru qishom vleġeġ mitluqin minn qaws tal-għaġeb, daru man-nisa u f'ħakka ta' għajn battlu kulma kien tlesta b'sengħa kbira fil-platti. Wieħed mit-tfal, hu u jirraġġa ma' ieħor, laqatli minkbi u tajjarli l-ħobż minn idi għal fuq ir-ramel. Lit-tifel tajtu daqqa ta' għajn qalila, u lill-ħobż ħarist lejha mnikket. Għandek tgħid ħadd mill-kbar ma ra x'kien ġrali . . . u bqajt b'xejn.

Qabża oħra l-baħar bi stonku nofsu battal; ġirja 'l barra wara ballun ta' wieħed mit-tfal biex ma jintiliflux mal-kurrent; xi żewġ majnati bla ħniena mingħand sħabi; u l-ħin għadda donnu bil-mod wisq sa ma wasalna biex nieklu. Imma tiekol bla ma tixrob xi ħaġa kiesħa f'xemx tisreġ bħal dik ma ħassejthiex ħaġa sewwa. Barra minn hekk, deherli li kelli nagħmel daqsxejn ta' kumpliment lil sħabi li stednuni magħhom. Bla ma tkellimt xejn tlaqt waħdi lejn l-eqreb ħanut li hemm fir-ramla biex nixtri ftit fliexken kesħin tal-kola u l-luminata. Meta ġejt biex immur lura sibt li ma stajtx inġorr kollox f'daqqa; kelli nieħu t-triq darbtejn.

Tgeddisna kif stajna taħt it-tinda u hemmhekk kilna u xrobna aktar milli bsarna. Bejn il-għeja tal-baħar u l-ħedla mis-sħana tax-xemx, daqsxejn ta' nagħsa wara l-ikel xtaqha kulħadd, barra mit-tfal. Imma kif stajna nimteddu lkoll f'dak il-pespus ta' kamp?

Għamilna l-wisa' lin-nisa u aħna l-irġiel ħriġna llaqqtu fuq daharna l-qilla kollha tax-xemx ta' Awissu. Stagħġibt mhux ftit kif sħabi wara ftit li ntelqu minn tulhom fuq ir-ramel jikwi kienu fl-isbaħ nagħsa daqskieku kienu mxaħxħin ġo sodda. Għajnejja ħassejthom jitqalu u xtaqt nieħu għamża jien ukoll flok noqgħod waħdi nħares fix-xejn. Fl-aħħar sibt roqgħa dell ma' dahar it-tinda u ma għaddiex wisq ħin li ma kontx qed ngħodd is-sebgħa fil-mija. Ma nafx kemm għadda ħin, imma naf li stenbaħt b'ħasda kbira meta fuq wiċċi tferra' barmil ilma baħar. Sakemm kont rieqed sħabi qalgħu kemm ramel sabu madwari u difnuni fih: rasi biss ħallewli barra.

Ix-xemx bdiet tbatti u kien sar ħin it-te. Lili tawni kikkra te sħuna li niżlitli għasel u fetħitli griżmejja min-nixfa li kellhom. Żewġ gallettini u pasta ħassejthom biżżejjed għal dak il-ħin. Meta sar il-waqt li nitilqu, żarmajna t-tinda, għalaqna s-siġġijiet, il-banketti u l-pultruni, u tgħabba kollox fil-karrozzi. Jien kont sa naħseb biex inqarreb lejn il-venda, imma ħbiebi ma ħallewnix.

"Issa irkeb magħna. Ngħaddu mis-Salini u nwassluk Tas-Sliema", qalli wieħed minnhom.

"Imma wisa' għalija ma naħsibx li għandkom", għidtlu jien.

"Tħabbel rasek xejn; b'xi mod niddeffsu".

U kien tassew kif qal hu, għax biex qgħadt fil-karrozza tiegħu kelli nintrass bejn kaxxi u siġġijiet u nżomm f'ħoġri lil wieħed minn uliedu.

Meta wasalt ħdejn id-dar u nżilt mill-karrozza, iżżejthom ħajr ta' kulma għamlu miegħi dak in-nhar.

"Nerġgħu mmorru", qalli serju serju.

Jien għamilt ta' birruħi li ma smajtux biex ma nintrabatx.

Kif dħalt id-dar ħadt nifs qawwi ta' mistrieħ. Wara ġimgħa xogħol, jum bħal dak f'xatt il-baħar xi nies iqisuh mistrieħ għalihom; jien għalija qistu strapazz mill-kbar bla gost ta' xejn. Sa ma wasalt biex nidħol fis-sodda dik il-lejla dahri kien sar aħmar nar u ma stajtx nimtedd wiċċi 'l fuq kif inħobb norqod jien; kelli nintelaq wiċċi 'l isfel bla ġlekk tal-piġama billi ma flaħt inżomm xejn fuqi.

Qabel ma għadda s-sajf sew lil dawk il-ħbieb ma fittixtx li narġa' niltaqa' magħhom; bżajt li jwaqqgħuni biex immur darb'oħra magħhom fl-Għadira tal-Mellieħa.

KRONAKA

**Nifirħu tassew minn qalbna lir-Rev. Patri WISTIN BORN, O.P., Membru Akkademiku tagħna, tal-ħatra tiegħu bħala Kavalier Kappillan tal-Prijorat tal-Lingwa Maltija ta' l-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm.**